# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 107/2016 BS**

**Għaqda tal-Produtturi Gaulos**

**-vs-**

**Direttur tal-Agrikoltura**
**u Segretarju Permanenti fil-Ministeru**
**għall-Iżvilupp Sostenibbli,**
**l-Ambjent u Tibdil fil-Klima**
**għal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-għaqda attrċi[1] illi ppremettiet:**

1. *"Illi l-Għaqda tal-Produtturi Gaulos hija registrata bin-numru wieħed (1) bħala Organizzazzjoni tal-Produtturi mad-Direttorat tal-Agrikoltura;*

2. *Illi originarjament din l-Organizzazzjoni kienet magħrufa bħala "Organizzazzjoni tal-Produtturi/Koperattiva Agrikola Ħaxix u Frott*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 u 6.

*Frisk Għawdxija Gozitano Limitata" imma dan l-isem kien inbidel għal "Għaqda tal-Produtturi Gaulos" b'deċiżjoni u approvazzjoni tal-awtorità kompetenti tat-12 ta' Ġunju 2012;*

3. *Illi f'dawn l-aħħar jiem u preċiżament fid-disgħa (9) ta' Diċembru 2016, l-esponenti ġiet innotifikata b'avviż għal arbitraġġ ippreżentat mill-intimat* ***Segretarju Permanenti*** *fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima kontra tagħha u oħrajn bir-riferenza 4920/2016, u fost id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti f'dak l-arbitraġġ hemm kopja ta' ittra allegatament mibgħuta fis-7 ta' Novembru 2012 mill-intimat Direttur tal-Agrikoltura lil "Dr. Joseph Grech, General Manager, Gozitano Producer Organization, Gozitano Complex, Mgarr Road, Xewkija, Gozo";*

4. *Illi fit-termini ta' din l-ittra l-intimat Direttur tal-Agrikoltura suppost kien qed jgħarraf lill "Gaulos (formerly known as Gozitano)… Producer Organisation" li huwa kien qiegħed jirtira r-rikonoxximent ta' dik l-Organizzazzjoni bħala Organizzazzjoni ta' Produtturi;*

5. *Illi din l-ittra hija rrita u nulla u ma tista' qatt tagħmel stat fil-konfront tal-esponenti għal diversi raġunijiet kif sejjer jiġi spjegat hawn taħt;*

6. *Fl-ewwel lok, din l-ittra hija indirizzata lil Organizzazzjoni u cjoè "Gozitano Producer Organization" illi mhijiex l-esponenti u lanqas biss kienet teżisti dakinhar li ntbagħtet l-ittra;*

7. *Fit-tieni lok, din l-ittra hija indirizzata lil persuna, Dr. Joseph Grech, li, kuntrarjament għal dak indikat fl-ittra, qatt ma kien General Manager tal-esponenti u anqas biss qatt kien impjegat mal-esponenti;*

8. *Fit-tielet lok, f'dak iż-żmien li ntbagħtet l-imsemmija ittra, l-imsemmi Dr. Joseph Grech ma kellux u ma kienx igawdi r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-esponenti;*

9. *Fir-raba lok, din l-ittra baqgħet qatt ma ġiet innotifikata lill-esponenti;*

10. *Illi, għalkemm fl-ittra innifisha, l-intimat Direttur tal-Agrikoltura jirrikonoxxi li l-isem tal-Organizzazzjoni tal-Produtturi kien inbidel għal "Għaqda tal-Produtturi Gaulos" huwa ma indirizzax l-ittra lill-esponenti u lanqas lil xi persuna li, skont l-istatut tagħha jew skont il-liġi, kellha r-rappreżentanza ġudizzjarja tagħha;*

11. *Illi, fid-dawl tal-fatt li ġie ppreżentat l-arbitraġġ hawn fuq riferit fl-ismijiet "Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima vs Organizzazzjoni tal-Produtturi/Koperattiva Agrikola Ħaxix u Frott Frisk Għawdxija Gozitano Limitata" Arbitragg Nru. 4920/2016, u wkoll li r-rikorrenti f'dak l-arbitraġġ qiegħed jibbaża ruħu fuq l-eżistenza ta' din l-ittra sabiex isostni t-talbiet tiegħu f'dak l-arbitraġġ, l-esponenti għandha interess li tottjeni dikjarazzjoni tan-nullità ta' dik l-ittra u tal-fatt li din ma tistax tagħmel stat fil-konfront tagħha;*

12. *Illi l-esponenti tiddikjara wkoll li, sabiex tevita kull possibbiltà li dik l-ittra jkollha xi effett vinkolanti fuqha, hija qegħda kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat tippreżenta appell kontra tagħha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u tixtieq tissenjala l-fatt li dawn iż-żewġ proċeduri huma intizi sabiex jimxu separatament, mingħajr ma waħda minnhom tippreġudika lill-oħra;"*

**Talbet lil għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *"Tiddikjara illi l-ittra tas-7 ta' Novembru 2012 hija irrita u nulla u ma tista' qatt tagħmel stat fil-konfront tal-esponenti għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati u għal dawk ir- raġunijiet l-oħra kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors guramentat.*

*Bl-ispejjeż, u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa intom inġunti."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[2] illi eċċepew:**

*"Eccezzjonijiet Preliminari*

1. *Illi l-bazi legali tal-azzjoni tar-rikorrenti hija pjuttost vaga u minhabba f'hekk l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-istess rikorrenti sabiex tispecifika ezattament taht liema artikolu fil-ligi, ir-rikorrenti qiegħda tibbaza l-azzjoni tagħha u fuq liema artikolu tal-ligi hija qiegħda isejjes it-talbiet tagħha u f'dan ir-rigward meta r-rikorrenti*

[2] Risposta guramentata a fol 26 sa 33.

*tottempra ruha ma dan, l-esponenti jirrizervaw li jirrispondu ulterjorment jekk jkun il-kaz;*

2. *Illi preliminarjament ir-rikorrenti intavolat procedura gudizzjarja ohra quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fl-ismijiet l-* ***Ghaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura Rikors Nru. 2/2016*** *u dan sabiex thassar u tirrevoka l-ittra tad-9 ta' Novembru 2012 mibghuta lil Gaulos Producer Organisation mill-esponent Direttur tal-Agrikoltura;*

3. *Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda tfisser l-istess talba taghha fir-Rikors Guramentat in risposta billi tittenta li ggib dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti fis-sens illi l-ittra surreferita tigi dikjarata bhala rrita u nulla;*

4. *Illi kemm fir-**Rikors Nru. 2/2016 fl-isimijiet Ghaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura** intavolat quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva, kif ukoll fir-Rikors Guramentat in risposta quddiem din l-Onorabbli Qorti r-rikorrenti qiegħda tiddikkjara illi hija qatt ma giet notifikat bl-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012. F'entrambi proceduri r-rikorrenti tiddikjara illi saret taf bl-ezistenza tal-istess ittra permezz tal-Arbitragg b'referenza 4920/2016 u għalhekk abbazi ta' din l-allegazzjoni qieghda tittenta li tannulla l-ittra fil-konfront tagħha;*

5. *Illi bir-rispett dovut imma is-senjalazzjoni tar-rikorrenti illi dawn iz-zewg proceduri huma intizi biex jimxu separatament, minghajr ma wahda tippregudika l-ohra ma treggix. Dan ghaliex dak li finalment qiegħed jigi mitlub hija l-istess talba biex l-ittra ta' 9 ta' Novembru ma jkolliex aktar effett fil-konfront tar-rikorrenti;*

6. *Illi għaldaqstant l-esponenti jitolbu illi l-atti fil-proceduri gudizzjarji fl-ismijiet* ***Ghaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura Rikors Nru 2/2016*** *quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jigu allegati mal-atti tal-kawza odjerna;*

7. *Illi meta wiehed jqies illi fir-rikors taghha (2/2016) intavolat quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva r-rikorrenti taghmel referenza ghal-Kap 447 u 490 tal-ligijiet ta' Malta fejn l-artikolu 18 (1) tal-istess Kap jaghti gurisdizzjoni lil dak l-Onorabbli Tribunal jisma' allegati agravvji jew lanzjani fil-konfront ta' xi ghaqda tal-produtturi akkawza ta' decizjoni mehuda mid-Direttur ikkoncernat, l-esponenti jinsabu skantati kif*

*ir-rikorrenti intavolat proceduri gudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti li bir-rispett dovut m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma tali lanzjanzi u wisq anqas tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;*

8. *Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti qieghda tittenta li tikseb dikjarazzjoni minghand din l-Onorabbli Qorti ghas-semplici raguni illi l-proceduri gudizzjarji quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizzjoni Amministrativa gew intavolati fuori termine u dan kif spjegat fir-risposta fl-atti tal-proceduri gudizzjarji* ***Rikors Nru 2/2016****. Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħda tipprova b'dawn il-proceduri gudizzjarji odjerni teghleb in-nuqqas li johrog mil-proceduri intavolati quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva fl-ismijiet* ***Ghaqda tal-Produtturi Gaulos vs. Direttur tal-Agrikoltura Rikors Nru. 2/2016.*** *Din l'ghazla tar-rikorrenti hija wahda skoretta u m'għandiex tigi akkolta;*

9. *Illi fid-dawl tar-ragunijiet suesposti, l-esponenti qegħdin bl-akbar rispett jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti stante illi:*

    i. *Fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni ta' talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti stante illi l-Onorabbli Tribunal ta' Revizzjoni Amministrativa huwa vestit bil-gurisdizzjoni necessarja sabiex jagħmel dik id-dikjarazzjoni u dan kollu ai termini tal-artikolu 18 (2) tal-Kap 447;*

    ii. *Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju għas-suespost gialadarba t-talbiet* ***fir-Rikors Nru 2/2016*** *quddiem l-Onorabbli Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva u fir-Rikors Guramentat in risposta huma imsejsa fuq l-istess ragunijiet, l-esponent ma jarax ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tiskarta din it-talba quddiemha; jew fin-nuqqas ta' dan, tistenna l-ezitu tal-kawza* ***Rikors nru 2/2016****.*

*<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>*

1. *Illi dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet precedenti ma jigux akkolti, fir- rigward tal-mertu l-esponenti jirrilevaw illi l-ittra mibghuta fis-7 ta' Novembru 2012 lil Dr Joseph Grech bhala General Manager tal-Ghaqda Produtturi Gaulos giet debitament notifikata lis-socjeta rikorrenti fid-9 ta' Novembru 2012 u dan kif indikat f'kopja tal-pincard ta l-istess ittra (hawnhekk annessa u mmarkata bhala* ***Dok DAP 1);***

2. *Illi fl-istess ittra l-esponent Direttur tal-Agrikoltura jindika b'mod car li ma ihalli l-ebda dubju ghall-interpretazzjoni illi l-ittra hija indirizzata lil "Gaulos Producer organisation formerly known as Gozitano" u dan kif qieghed jigi riprodott hawn isfel minn siltiet tal-istess ittra:*

   *"By the present notification, the Agriculture Directorate as the Competent Authority for the recognition of Producer Groups and producer organisation is notifying you that the recognition of **<u>Gaulos (formerly k/a Gozitano)</u>** as a producer organisation is hereby being withdrawn..." **(Sottolinjar tal-esponenti)***

   *"From the findings of the Competent Authority, on the basis of documentation submitted by **<u>Gaulos (formerly k/a Gozitano)</u>** and following various communications and discussions with yourself, it has emerged that **<u>Gaulos (formerly k/a Gozitano</u>**)..." **(Sottolinjar tal-esponenti)***

   *Ghaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-ittra hija rrita u nulla u ma tista' qatt taghmel stat fil-konfront tar-rikorrenti stante illi Gozitano Producer Organisation mhuwiex l-isem tar-rikorrenti u ma kienitx tezisti dakinhar li intbaghtet l-ittra hija infondata u ma treggix ghaliex hemm referenza cara illi l-ittra hija indirizzata lil **"Gaulos formerly known as Gozitano Producer Organisation";***

3. *Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti tallega illi Dr Joseph Grech jigifieri d-destinatarju tal-istess ittra surreferita ma kienx General Manager tar-rikorrenti u lanqas biss qatt kien impjegat mar-rikorrenti. Din id-dikjarazzjoni hija inveritiera ghall-ahhar. L-esponenti jaghmlu referenza ghal ittra mibgħuta mir-rapprezentant legali tar-rikorrenti fl-14 ta' Jannar 2013 lil Mr. Kenneth Cassar bhala segretarju tal-Producer Organisation Board (Agriculture Directorate). F'din l-ittra hemm referenza cara ghal ittra datata 7 ta' Novembru 2012 b'referenza ghal withdrawal of recognition as a producer organisation u fejn jigi indikat ukoll illi l-istess rapprezentant legali tal-Ghaqda tal-Produtturi Gaulos qieghed jitkellem ghan-nom u rappresentanza ta' Joseph Grech fost klijenti ohra (hawnhekk annessa u mmarkata bhala **Dok DAP 2**):*

*"I write on behalf of Gaulos Producer Organisation formerly known as Gozitano and this with reference to the letter dated 8th November 2012 where*

*you informed **my clients** that you were withdrawing the recognition as a producer organisation..." **(Sottolinjar tal-esponenti)***

*"**My Client** was made aware during a meeting held with Dr. Christopher Ciantar, Permanent Secretary in the Ministry of Resources and Rural Affairs that the Board felt that there were some issues which had to addressed." **(Sottolinjar tal-esponenti)***

*"**My Client** would like to point out that it has abided by these recommendations..." **(Sottolinjar tal-esponenti)***

*Illi għalhekk ma jistax jinghad illi Dr Joseph Grech li effetivament kien General Manager tal-ghaqda surreferita ma kien qatt impjegat tar-rikorrenti stante illi l-istess rapprezentant tieghu kiteb ghan-nom tieghu in rapprezentanza ta Gaulos Producer Organisation. Mhux talli hekk, ir-rapprezentant indika ukoll illi Dr Joseph Grech allegatament kien mexa ma rakommandazzjonijiet tal-Awtorita' Kompetenti u li filfatt huwa bhala rapprezentant tal-Ghaqda surreferita appella id-decizjoni mehuda fl-ittra ta' 9 ta Novembru 2012 ghal diversi ragunijiet.*

4. *Illi di piu' l-ittra ta' 14 ta' Settembru 2012 mibghuta minn Dr. Joseph Grech lill-Ministeru Ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u ffirmata minn innifsu bhala 'Manager' ta Gaulos Producer Organisation li qabel kienet maghrufa bhala Gozitano Producer Organisation tindika b'mod car illi Dr. Joseph Grech jokkupa il-posizzjoni ta' General Manager tal-Ghaqda Surreferita (hawnhekk anness u mmarkat bhala **Dok Dap 3**);*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u jekk ghal grazzja tal-argument dato ma non concesso wiehed jqies li Dr. Joseph Grech mhuwiex vestit bir-rapprezentanza gudizzjarja tar-rikorrenti, din l-assunzjoni mhux ta' rilevanza ghaz-zewg ragunijiet segwenti:*

   i. *l-ittra tad-9 ta' Novembru 2012 giet mibghuta lil Dr. Joseph Grech bhala rapprezentant tal-ghaqda surreferita turi li certament kien jokkupa il-kariga ta' General Manager tal-istess għaqda. Minhabba f'hekk ma kien jezisti l-ebda bzonn jew dmir da parti tal-esponenti illi jindirizzaw id-decizjoni taghhom lill-persuna vestita bir-rapprezentanza gudizzarja tal-istess ghaqda;*

   ii. *L-arbitragg li jsir referenza ghalih fir-Rikors Guramentat in risposta (4920/2016) gie indirizzat kontra ir-rikorrenti bhala President u*

*Segretarju tal-Ghaqda surreferita fost ohrajn u ghaldaqstant ma jistghax jinghad illi l-esponenti intavolaw xi proceduri gudizzjarji kontra Dr. Joseph Grech biss. L-esponenti bl-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012 innotifikaw id-decizjoni taghhom lir-rapprezentant tal-ghaqda;*

*Ghaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma treggix u hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

6. *Ir-rikorrenti jallegaw illi l-ittra ta' 9 ta Novembru 2012 qatt ma giet notifikata lilhom. L-esponenti jergghu itennu illi din l-allegazzjoni qatt ma tista tkun kredibbli ghas-semplici fatt illi l-ittra tal-14 ta' Jannar 2013 mibghuta mir-rapprezentant legali taghhom taghmel referenza ghal kelma "clients"* ***(Vide Dok Dap 2)****. Għaldaqstant johrog car illi dik l-ittra taghmel referenza kemm għar-rikorrenti kif ukoll ghal Dr Joseph Grech;*

7. *Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost m'huwiex id-dmir tal-esponenti illi jinnotifikaw kull persuna ezistenti u in rapprezentanza tal-Ghaqda surreferita. Di fatti, l-esponenti certament ghamlu dmirhom bl-akbar ghaqla ghaliex innotifikaw lil Dr Joseph Grech, persuna li kien certament involut tista tghid kwazi kuljum fl-interessi ta Gaulos Producer Organisation kif indikat fl-ittra tal-14 ta' Jannar 2013 fejn jinghad illi Dr Joseph Grech kien jattendi laqghat mal-esponent (Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima) in vista tan-nuqqasijiet ta' Gaulos Producer Organisation;*

8. *Illi ghaldaqstant l-ittra ta' 9 ta' Novembru 2012 hija wahda valida li taghmel stat fil-konfront tar-rikorrenti u ma jezisti l-ebda bazi legali biex tali ittra tigi attakata bhala rrita u nulla mir-rikorrenti;*

9. *Ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ohrajn li jistgħu jingiebu fil-mori ta' dan ir-rikors guramentat l-esponenti qegħdin bl-akbar rispett jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-kaz."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** kopja tal-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 mibgħuta mid-Direttur tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Dr. Justin Zahra lill Dr. Joseph Grech bħala *General Manager* tal-*Gozitano Producer Organisation*.[3]

**Rat** kopja ta' ittra tat-12 ta' Ġunju, 2012 mibgħuta minn Kriss Debono għan-nom tad-Direttur tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Dr. Justin Zahra lill Dr. Joseph Grech in rappreżentanza tal-*Ghaqda tal-Produtturi Gozitano Agri-Coop* b'rikonoxximent li l-istess għaqda bidlet isimha għal-*"Gaulos Producers Organisation"*.[4]

**Rat** il-kopja tad-dokumenti ossia ittri annessi mar-risposta ġuramentata tal-konvenuti fosthom: [**i**] *pink card* tas-socjeta' *Malta Post* li allegatament tipprova li l-ittra datata is-7 ta' Novembru, 2012 twasslet għand id-destinatarju ndikat tagħha;[5] [**ii**] ittra legali datata l-14 ta' Jannar, 2013 mibgħuta għan-nom tal-għaqda attriċi lill Kenenth Cassar, Segretarju tal-Bord tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi fi ħdan id-Direttorat tal-Agrikoltura li tirreferi għall-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012,[6] u; [**iii**] ittra tal-14 ta' Settembru, 2012 mibgħuta lill Kriss Debono fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali minn Dr. Joseph Grech fil-kwalita' tiegħu ta' *manager* tal-għaqda attriċi.[7]

**Rat** il-vera kopja tar-rikors numru 2/2016 magħmul mill-għaqda attriċi quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva nhar il-21 ta' Diċembru, 2016 kif ukoll dik tar-risposta li saret għalih kif esibiti permezz ta' nota tal-konvenuti tat-12 ta' Mejju, 2017 magħmulha ai fini tal-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom.[8]

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 il-konvenuti talbu li tingħata deċiżjoni in parte dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom.[9]

[3] Kopja a fol 5.
[4] Kopja a fol 6.
[5] *Pink card* a fol 35.
[6] Ittra a fol 37 u 36.
[7] Ittra a fol 38. Ezebita ghal ddarb'ohra minn Kriss Debono in rapprezentanza tal-konvenuti a fol 251.
[8] Nota a fol 40. Rikors numru 2/2016 tal-ghaqda attrici a fol 41 sa 46 – inkluz dokumenti annessi mar-rikors. Risposta a fol 47 sa 54 – inkluz dokumenti annessi mar-risposta.
[9] Verbal a fol 55.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet magħmulha fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.[10]

**Rat** id-deċiżjoni in parte mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru, 2017 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta li biha, għar-raġunijiet hemm esposti, ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti kif ukoll l-eċċezzjoni dwar il-*litis pendentia*, bil-kawża tħalliet għal-kontinwazzjoni.[11]

**Rat** li b'rikors tat-2 ta' Novembru, 2017 il-konvenuti talbu l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta sabiex jipproċedu b'appell mid-deċiżjoni in parte tas-27 ta' Ottubru, 2017.[12]

**Rat** li fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2017, il-konvenuti ġew awtorizzati jressqu appell mid-deċiżjoni in parte tas-27 ta' Ottubru, 2017.[13]

**Rat** l-atti tal-appell relattivi għad-deċiżjoni in parte tas-27 ta' Ottubru, 2017.[14]

**Rat** id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar, 2019 li biha l-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-konvenuti u kkonfermat id-deċiżjoni in parte tas-27 ta' Ottubru, 2017 – anke jekk għar-raġunijiet kemxejn differenti – bl-atti ntbagħtu lura lill din il-Qorti sabiex jitkompla s-smiegħ tal-kawża.[15]

**Rat** in-nota tal-14 ta' Ġunju, 2021 ta' Kriss Debono in rappreżentanza tad-Direttur tal-Agrikoltura li biha esibixxa d-dokumentazzjoni kollha miżmuma mid-Direttorat fir-rigward tal-għaqda attriċi b'referenza għal-perijodu mill-2012 'il quddiem.[16]

**Rat** li fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 2022 l-għaqda attriċi ddikjarat il-provi tagħha magħluqa.[17]

---

[10] Nota tal-konvenuti a fol 57 sa 63. Nota tal-ghaqda attrici a fol 64 sa 71.
[11] Decizjoni a fol 73 sa 82.
[12] Rikors a fol 84 sa 87.
[13] Verbal a fol 98.
[14] Rikors tal-appell a fol 100 sa 115. Risposta tal-appell a fol 120 sa 127.
[15] Decizjoni tal-Appell a fol 139 sa 149 – inkluz in verso pagina.
[16] Nota a fol 185, dokumenti a fol 186 sa 405.
[17] Verbal a fol 453.

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2023 il-konvenuti ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa.[18]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2024 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-ezamijiet ezawriti bil-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll ghas-sentenza.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[19]

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Kriss Debono**, in rapprezentanza tas-Segretarju Permanenti għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima, xehed[20] li l-għaqda attriċi bidlet isimha diversi drabi.

Jesibixxi korrispondenza tat-12 ta' Ġunju, 2012.[21] Jgħid li din hija korrispondenza dwar l-aħħar bidla fl-isem tal-għaqda attriċi. Iżid li bl-istess huma nnotifikaw lill-għaqda attriċi li l-isem tagħha nbidel minn *Ghaqda tal-Produtturi Gozitano* ghal *Gaulos Producers Organisation*.

Mistoqsi fuq minn inħaregt l-ittra mertu tal-kawża odjerna – dik datata s-7 ta' Novembru, 2012 – jgħid li din inħarget fuq *Gaulos formerly known as Gozitano*. Iżid li tali ittra kienet indirizzata lill Dr. Joseph Grech, *manager, Gozitano Producer Organisation, Gozitano Complex, Imgarr Road, Xewkija, Gozo*.

Jgħid li skont ir-*records* tagħhom Dr. Joseph Grech kien il-*contact person* li kien jgħaddilhom id-dokumenti. Jgħid li dak iż-żmien kien hu li jmexxi l-uffiċju u kemm hu kif ukoll il-kollegi tiegħu dejjem ma' Dr. Joseph Grech ikkomunikaw. Iżid li t-twemmin tagħhom kien li Dr. Joseph Grech

[18] Verbal a fol 490 u 491.
[19] Nota tal-ghaqda attrici a fol 493 sa 502. Nota tal-konvenuti a fol 503 sa 515.
[20] Traskrizzjoni a fol 182a sa 182f.
[21] Kopja a fol 176. L-istess ittra kienet qabel diga' ezebita a fol 6.

kien ir-responsabbli u ghandhom karti li jirrikonoxxu dan. Jghid li Dr. Joseph Grech anke ffirma xi karti bhala *manager*.

Jobbliga ruhu li jezebixxi, b'nota, id-dokumenti kollha li ghandhom mizmuma dwar l-ghaqda attrici mis-sena 2012 'il quddiem.[22]

Mistoqsi jekk jarafx ta' minn hi l-firma li tidher fuq il-*pink card* tas-socjeta' *Malta Post* li ezebew huma jghid li le.

Jghid li fuq il-*pink card* hemm il-kelma *"Gozitano"* u mhux *"Gaulos"* stante li l-post fejn hemm l-ghaqda attrici jismu *"Gozitano"*.

**Xehed ulterjorment**[23] li dak iz-zmien li ntbaghtet l-ittra tar-revoka tar-rikonoxximent tal-ghaqda attrici huwa kien *Principal Agricultural Officer*. Izid li kien ukoll membru u *chairman* tal-Bord ta' l-Ghaqdiet tal-Produtturi.

Mistoqsi kif ittiehdet id-decizjoni dwar ir-revoka tar-rikonoxximent tal-ghaqda attrici mill-Bord ta' l-Ghaqdiet tal-Produtturi jghid li l-kawza mhijiex dwra hekk izda dwar in-notifika tad-decizjoni biss. Jghid li hemm proceduri ohrajn li qeghdin jattakkaw il-mertu tad-decizjoni.

Jghid li fil-fajl ghandhom id-dettalji tal-ghaqda attrici u l-ittra ntbaghtet skont l-istess dettalji.

Jghid li l-Bord jaghmel biss rakkomandazzjoni bid-decizjoni finali dwar l-irtirar ta' rikonoxximent tittiehed mid-Direttur tal-Agrikoltura. Izid li dak iz-zmien id-direttur kien Dr. Justin Zahra.

Mistoqsi x'jaf dwar in-notifika tal-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 jghid li tali ittra kienet abbozzata mis-segretarju tad-Direttorat tieghu stess, Kenneth Cassar. Izid li tali ittra mbaghad tkun iffirmata mid-Direttur tal-Agrikoltura – dak iz-zmien Dr. Justin Zahra.

Jghid li wara l-firma tad-direttur l-ittra tintbaghat bil-posta registrata.

Jghid li fil-kaz in mertu l-ittra giet indirizzata lill Dr. Joseph Grech li dak iz-zmien kien il-persuna principali ma' minn kemm il-Bord kif ukoll id-

[22] Jezegwixxi tali obbligu b'nota tal-14 ta' Gunju, 2021 – a fol 185.
[23] Traskrizjzoni a fol 410 sa 427.

Direttorat kienu jitkellmu dwar ir-rikonoxximent. Izid li tali Dr. Grech kien il-*manager* tal-ghaqda attrici, apparti li kien ukoll il-*contact person*.

Jghid li huma kienu jikkomunikaw ma' Dr. Grech li kien ukoll jimla l-formuli necessarji.

Jghid li sabiex huma jkunu accettaw lill Dr. Grech bhala rapprezentant tal-ghaqda attrici tkun imtliet formula sabiex huma jkunu jafu minn hu l-president, minn huma l-membri amministrattivi tal-ghaqda, u minn hu l-*manager*.

Jirreferi ghall-atti – fol 247 sa 250 – u jghid li dawn jindikaw li Frank Xerri kien il-president u r-rapprezentant legali tal-ghaqda attrici. Izid izda li mbaghad hemm applikazzjonijiet dwar minn hu l-kuntatt mad-Direttorat

Jirreferi ghad-dokument *"Annex I – Application Form"* a fol 309. Jghid li dan jindika lill Joseph Grech bhala l-kuntatt tad-Direttorat. Izid li l-istess dokument juri l-indirizz ta' fejn kellha tintbagħat il-korrispondenza – *Head Office, Gozitano Complex, Mgarr Road, Xewkija, Gozo*. Jghid li l-ittra in mertu ntbaghtet propju f'dak l-indirizz.

Jghid li huma jkunu kkonfermaw li l-ittra waslet mil-*pink card*. Jghid li tali *pink card* m'hijiex iffirmata minn Joseph Grech. Izid li minkejja dan huma ghandhom konferma li l-ittra in mertu waslet fil-indirizz korrett.

Jghid li huma ma' jikkoncernawx ruhhom dwar minn jiffirma ghall-ittra izda biss dwar il-fatt li l-ittra tkun waslet fl-indirizz korrett.

Jghid li d-Direttorat kellu komunikazzjonijiet regolari ma' Dr. Joseph Grech. Jghid li lill-president tal-ghaqda attrici – Frank Xerri – jekk rah darba.

Jghid li jekk l-ittra giet indirizzata lill Dr. Joseph Grech bhala *manager* tal-*Gozitano Producers Organisation*; it-titolu taghha kien *Notification of Withdrawal of Recognition of Gaulos (formerly k/a Gozitano) as a Producer Organisation*.

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit.[24]

Jiddikjara li huwa gie appuntat Ufficjal Principali tal-Agrikoltura fi hdan id-Direttorat tal-Agrikoltura fl-1 ta' Gunju, 2011. Izid li fost responsabbiltajiet ohra kien l-ufficjal responsabbli mis-sezzjoni tar-rikonoxximent u governanza tal-ghaqdiet tal-produtturi – *producer organisations* – ai termni ta' varji regolamenti nkluz il-Kap. 447 u l-Ligi Sussidjarja 447.01 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid li l-iskop tar-rikonoxximent tal-ghaqdiet tal-produtturi huwa li l-istess ghaqdiet jilhqu l-ghanijiet ta' kompetittivita' u vijabilità' fis-settur agrikolu. Izid li ghaqda li ggib tali rikonoxximent tkun intitolata ghal fondi mill-Unjoni Ewropeja li jghinu lill-bdiewa imsiehba fl-ghaqda jkollhom aktar vijabilità'.

Jiddikjara li sabiex ghaqda tikseb ir-rikonoxximent tkun mitluba taghmel applikazzjoni fejn tiddelinja pjan operattiv. Izid li f'*Annex I* tal-applikazzjoni l-ghaqda tindika l-identita' u l-indirizz tal-*contact person* taghha.

Jghid li meta beda hu l-ghaqda attrici kienet diga' rikonoxxuta. Izid li fl-*Annex I* taghha kienet indikat bhala *contact person* taghha lill certu Joseph Grech u l-indirizz bhala *Head Office, Gozitano Complex, Mgarr Road, Xewkija, Gozo*.

Jghid li peress li l-ghaqda attrici kienet qieghda tibbenefika minn fondi tal-Unjoni Ewropeja, kienet responsabbilita' tieghu li jara li l-ghaqda kienet eligibbli ghall-istess fondi.

Jiddikjara li ftit qabel ma' huwa gie appuntat bhala Ufficjal Principali tal-Agrikoltura kien gie mwaqqaf il-Bord tal-Ghaqdiet tal-Produtturi. Jispjega li dan il-Bord jaghti rakkomandazzjonijiet dwar ir-rikonoxximent tal-ghaqdiet tal-produtturi. Izid li fil-kaz tal-ghaqda attrici kienet saret rakkomandazzjoni sabiex ir-rikonoxximent jigi revokat. Jiddikjara li dan gie notifikat lill-ghaqda attrici permezz tal-ittra registrata tas-7 ta' Novembru, 2012.

[24] Affidavit a fol 469 u 470.

Jghid li l-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 kienet indirizzata lill-Ghaqda Produtturi Gaulos (gja maghrufa bhala Gozitano) u ntbaghtet fl-indirizz provdut mill-ghaqda stess xahrejn qabel fejn giet notifikata. Jaghmel referenza ghal-*pink card* relattiva. Izid li l-ittra kienet ukoll indirizzata lill-*contact person* indikat mill-ghaqda attrici stess.

Jghid li huma kienu certi li l-ittra waslet ghand l-ghaqda attrici kemm mil-*pink card* relattiva kif ukoll minn ittra li rcevew f'isem l-ghaqda attrici minghand l-Avukat Carmelo Galea datata l-14 ta' Jannar, 2013.

Jghid li f'tali ittra ta' l-14 ta' Jannar, 2013, l-avukat tal-ghaqda attrici rrefera ghall-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 erronjament bhala ittra tat-8 ta' Novembru, 2012. Izid li minkejja dan; ir-referenza fl-istess ittra ta' l-14 ta' Jannar, 2013 ghar-revoka juri car li din kienet qed tirreferi ghall-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012.

Jiddikjara li stante dan kollu huma kienu zbalorditi li l-ghaqda attrici qed tghid li qatt ma' rcievit l-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 u li saret biss taf biha fil-proceduri tal-arbitragg pendenti bejn il-partijiet. Izid li dan anke ghaliex jezistu minuti ta' laqgha tas-7 ta' Mejju, 2013 fejn deher Dr. Joseph Grech rigward l-ghaqda attrici.

Jghid li anqas jifhem kif l-ghaqda attrici tghid li Dr. Joseph Grech qatt ma' kien *manager* taghha meta l-istess Dr. Grech kien indikat bhala *contact person* taghha u ffirma korrispondenza f'isimha bhala *manager*.

**Marcell Tabone**, in rapprezentanza ta' *Jobs Plus*, xehed[25] li fid-*database* taghhom ma' sab xejn dwar l-Ghaqda tal-Produtturi Gaulos.

**Xehed ulterjorment**[26] li l-persuna li d-dettalji taghha jidhru fuq il-*pink card* tal-*Malta Post – "A. Briffa – 10483(G)"* – kienet impjegata tlett darbiet mal-kooperattiva. Izid li l-*engagement forms* kienu gew iffirmati mill-Avukat Dr. Joseph Grech.

Jipprezenta kopja ta' l-*Employment History (Summary)*[27] ta' A. Briffa, u ta' l-*engagement forms* relattivi.[28]

[25] Traskrizzjoni a fol 406 u 407.
[26] Traskrizzjoni a fol 439 sa 441.
[27] *Employment History (Summary)* a fol 443.
[28] *Engagement Forms* a fol 444 sa 450.

Jghid li l-ewwel impjieg ta' A. Briffa mal-kooperattiva kien mit-2 ta' Jannar, 2001 sal-31 ta' Dicembru, 2005, it-tieni mill-1 ta' Jannar, 2006 sal-31 ta' Lulju, 2015, u t-tielet mill-1 ta' Awwissu, 2015 fejn ghadha sal-lum.

Jghid li l-isem shih tal-persuna in kwistjoni huwa Arabelle-Pauline Briffa.

**In kontro-ezami**, xehed[29] li meta semma li A. Briffa kienet tahdem mal-kooperattiva kien qed jirreferi ghal-Kooperattiva Agrikoltura Ghawdxija.

**Frank Xerri**, in rapprezentanza tal-ghaqda attrici, xehed[30] li huwa dejjem kien president tal-ghaqda attrici. Jghid li fil-bidu kienu maghrufa bhala l-Koperattiva Gozitano. Jghid li wara l-isem inbidel ghal Gaulos.

Jaqbel li sabiex jigu rikonoxxuti bhala ghaqda tal-produtturi huma baghtu applikazzjoni bi pjan operattiv lid-Dirrettorat.

Muri d-dokument a fol 309 tal-process – l-*Annex I* tal-applikazzjoni – jghid li dak l-ewwel darba li qieghed jarah. Jghid li skont tali dokument il-*contact person* taghhom kien Joseph Grech u l-indirizz *Gozitano Complex, Imgarr Road, Xewkija*. Jghid li dak iz-zmien hu kien ikun fit-tali indirizz.

Mistoqsi jafx minn hi Arabelle Briffa jghid li hija mpjegata tal-Kooperattiva Gozitano izda mhux ta' Gaulos. Jaqbel li Gaulos kellha ufficju fil-Gozitano. Jghid li l-Kooperattiva Gozitano hija entita' filwaqt li Gaulos hija entita' kompletament indipendenti minnha li kienet topera minn ufficju tal-Koopertativa. Jerga jghid li Arabelle Briffa qatt ma' hadmet jew kellha konnessjoni ma' Gaulos.

Jiccara dak li qal fir-rikors guramentat billi jghid li jekk qabel kienu maghrufa bhala Gozitano wara giet kreata l-Gaulos li hija entita' kompletament differenti mill-Gozitano. Jghid li Gozitano baqghet biss bhala l-proprjeta' ossia kumpless tax-Xewkija.

[29] Traskrizzjoni a fol 441 u 442.
[30] Traskrizzjoni a fol 474 sa 485.

Jghid li mhux cert jekk il-Gaulos qattx qabel kellha l-isem Gozitano bhala entita' meta giet kreata. Jinsisti izda li Arabelle Briffa qatt ma' kienet impjegata ta' Gaulos minkejja kwalunkwe' isem li Gaulos setgha kellha qabel.

Jghid li kemm dam il-kumpless Gozitano hu, l-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 qatt ma' rceviha.

Muri l-ittra a fol 37 – iffirmata mill-Avukat Dr. Carmelo Galea – fejn inkiteb *I write on behalf of my clients Gaulos Producer Organisation formerly known as Gozitano and this with reference to your letter dated the 8th November, 2012 wherein you informed my clients that you were withdrawing the recognition as a Producer Organisation* – jghid li fl-istess ittra ma' jinghadx li hu bhala president tal-Gaulos ircievha l-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012.

Mistoqsi kif l-Avukat Galea sar jaf b'tali ittra jekk huwa jghid li l-istess ittra qatt ma' rceviha jinsisti li hu l-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 qatt ma' rceviha.

Jghid li Dr. Carmelo Galea kien u ghadu l-avukat tal-ghaqda.

Mistoqsi jaqbilx li Dr. Joseph Grech kien jokkupa l-kariga ta' *manager* tal-ghaqda attrici jghid li ma' jaqbilx. Jghid li Grech qatt ma' kien impjegat ta' Gaulos. Izid li Grech kien biss il-*contact person*. Riferut ghall-ittra a fol 38 tal-process u mistoqsi jekk Grech kienx jiffirma f'isem il-Gaulos jghid li milli qieghed jara iva, kien.

Jghid li l-Ministeru aktar kien jaf lill Dr. Joseph Grech milli kien jaf lilu.

Jaqbel li f'*Annex I* Dr. Joseph Grech kien imnizzel bhala *contact person* fl-indirizz fejn kien ukoll ikun.

## C. Ikkunsidrat:

B'din il-kawża, l-għaqda attriċi, wara li ppremettiet li hija rreġistrata bħala organizzazzjoni tal-produtturi mad-Direttorat tal-Agrikoltura fejn oriġinarjament kienet hekk rreġistrata bl-isem *"Organizzazzjoni tal-Produtturi/Kooperattiva Agrikola Haxix u Frott Frisk Ghawdxija Gozitano"* b'aktar il-quddiem bidlet isimha għal *"Ghaqda tal-Produtturi Gaulos"*,

premettiet ulterjorment li bil-bidu ta' proċeduri ntavolati mill-konvenut Segretarju Permanenti quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ nhar id-9 ta' Diċembru, 2016 – numru referenzjali 4920/2016 – saret taf li b'ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 il-konvenut Direttur tal-Agrikoltura kien suppost għarafha li r-rikonoxximent tagħha bħala organizzazzjoni tal-produtturi kien ġie rtirat.

L-għaqda attriċi premettiet ulterjorment li tali ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 hija monka għal diversi raġunijiet li ddelinjat fir-rikors ġuramentat inkluż li għalkemm fiha stess id-Direttur tal-Agrikoltura jagħraf li hija kienet bidlet isimha għal *"Ghaqda tal-Produtturi Gaulos"*, l-istess ittra kienet indirizzata lill xi entita' jew persuna li la għandha x'taqsam magħha u anqas tista' tirrappreżentaha ai termini tal-istatut tagħha.

L-għaqda attriċi talbet għalhekk lill din il-Qorti tiddikjara li l-imsemmija ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 tiġi dikjarat nulla u bla effett fil-konfront tagħha.

Bir-risposta ġuramentata konġunta tagħhom, il-konvenuti Direttur tal-Agrikoltura u Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent, u Tibdil fil-Klima, laqghu ghat-talba attrici billi preliminarjament eccepew [**i**] in-nuqqas ta' kompetenza sabiex din il-Qorti titratta t-talba attriċi, u dan ai termini tal-Kapitolu 447 – *Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi*, illum imħassar ai termini ta' l-Att XXXIV tal-2023 – u tal-Kapitolu 490 – *Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva* – tal-Liġijiet ta' Malta, u; [**ii**] il-prinċipju tal-*lis alibi pendens*.

L-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, minkejja li huma biss tnejn, ġew elenkati fil-paragrafi wieħed (1) sa (9) tal-parti ntitolata *"Eccezzjonijiet Preliminari"* tar-risposta ġuramentata tagħhom.

Dawn l-istess eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti ġew ilkoll miċħuda bid-deċiżjoni in parte mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar is-27 ta' Ottubru, 2017 fejn ġiet ikkonfermata l-kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tkompli tisma din il-kawża u ġiet ukoll miċħuda l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*.[31]

[31] Decizjoni in parte a fol 73 sa 82.

Id-deċiżjoni preliminari tas-27 ta' Ottubru, 2017 ġiet ikkonfermata fl-Appell b'deċiżjoni tal-31 ta' Jannar, 2019, anke jekk għal raġunijiet kemxejn differenti, li ċaħdet appell interpost mill-konvenuti dwar id-deċiżjoni relattiva għall-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom filwaqt li bagħtet il-kawża lura lill din il-Qorti għal-kontinwazzjoni tas-smiegħ. Iċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti hija għalhekk *res judicata*.[32]

Jibqa' għalhekk sabiex din il-Qorti tikkunsidra t-talba attriċi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-mertu kif elenkati fil-parti tar-risposta ġuramentata tal-konvenuti ntitolata *"Eccezzjonijiet fil-Mertu"*.

Tali eċċezzjonijiet fil-mertu jittrattaw il-validita' tal-ispedizzjoni da parti tal-konvenut Direttur tal-Agrikoltura tal-ittra tal-irtirar tar-rikonoxximent tal-għaqda attriċi bħala organizzazzjoni tal-produtturi datata s-7 ta' Novembru, 2012 – l-ittra in mertu.

**Preliminari:**

Mill-assjem tal-atti jirriżulta ben ċar li d-diverġenza bejn il-partijiet kontendenti temani mhux mill-fatt li l-konvenuti jew minn minnhom riedu u/jew ittentaw jew adixxew sabiex irtiraw ir-rikonoxximent tal-għaqda attriċi bħala organizzazzjoni tal-produtturi, iżda minn jekk l-ittra li ntbagħtet għal tali għan – dik datata s-7 ta' Novembru, 2012 in mertu – ġietx debitament u validatement konsenjata lill-għaqda attriċi.

Hawnhekk, filwaqt li l-għaqda attriċi tinsisti li tali ittra qatt ma' waslet għandha u, kull kif, kienet indirizzata lill-entita' li mhijiex korretta u/jew lill-persuna li ma' kellha ebda dritt tirċievi korrispondenza f'isimha; il-konvenuti jinsistu li l-ittra ntbagħtet debitament u korrettament, f'indirizz li ġie mgħarraf lilha mil-għaqda attriċi stess, u ndirizzata lill-persuna li kienet kemm ukoll mgħarrfa lilha bħala rappreżentanta tal-għaqda attriċi kif ukoll kienet f'kuntatt kontinwu mad-Direttorat tal-Agrikoltura għal kull kwistjoni rilevanti għall-għaqda aattriċi.

In sostenn tal-pretensjoni tagħha, l-għaqda attriċi tinsisti li tali ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 ġiet indirizzata fuq isem li jista' jew ma' jistax ikun

[32] Decizjoni tal-appell a fol 139 sa 148 inkluz in verso pagina.

isem li kienet tħaddan hija precedentement,[33] li l-istess ittra kienet indirizzata lill persuna, ossia Dr. Joseph Grech, li qatt ma' kellu r-rappreżentanza tagħha,[34] u li tali ittra qatt ma' *"giet innotifikata"* lilha.[35]

Il-kwistjoni ta' "notifika" fis-sens legali tal-kelma ser tiġi trattata aktar 'il quddiem f'din id-deċiżjoni.

Da parti tagħhom, il-konvenuti jinsistu li l-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 ma' tbati minn ebda tali nuqqasijiet li telenka l-għaqda attriċi kemm għaliex ġiet indirizzata lill-persuna li skonthom kellha rappreżentanza tal-għaqda attriċi kif ukoll għax intbgħatet fl-indirizz korrett u tirreferi wkoll għal-entita' korretta, ossia; għall-għaqda attriċi, kif ukoll għax ġiet validament konsenjata fl-indirizz korrett.

In sostenn tal-pożizzjoni tagħhom il-konvenuti jagħmlu referenza ampja għal-varji dokumenti, il-maġġoranza ta' liema kienu sottomessi mad-Direttorat tal-Agrikoltura mill-għaqda attriċi nfisha, fosthom is-segwenti:

i. Emejl datata l-31 ta' Awwissu, 2012 mibgħuta minn Dr. Joseph Grech lill Kriss Debono, uffiċjal tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali li xehed ukoll fil-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni, fejn l-istess Dr. Joseph Grech kiteb għan-nom ta' *"Gaulos PO (formerly known as Ghaqda tal-Produtturi/Kooperattiva Agrikola Ghawdxija Gozitano Limitata)"* u ffirma ismu bħala *manager* tal-istess għaqda;[36]

ii. Ittra datata l-14 ta' Settembru, 2012 mibgħuta minn Dr. Joseph Grech lill-istess Kriss Debono diġa' msemmi fejn l-istess Dr. Joseph Grech għal darb'ohra ffirma bħala *manager* fuq *letterhead* tal-għaqda attriċi;[37]

iii. Korrispondenza nterna bejn uffiċjali tal-konvenuti skambjata bl-emajl bejn Settembru u Ottubru, 2012 fejn ġie diskuss ir-

[33] Ref.: *inter alia,* para. 6 tar-rik. gur. Diga' sa mill-istadju bikri tar-rikors guramentat taghha, fit-tieni (2) premessa tal-istess, l-ghaqda attrici tghid li hija kienet thaddan tali isem li wara nbidel, dikjarazzjoni li tirrepeti wkoll aktar tard waqt il-gbir tal-provi. B'dan izda li x-xhud president taghha, Frank Xerri aktar tard fix-xhieda tieghu jririzulta nkonsistenti dwar dan il-punt.
[34] Ref.: *inter alia,* para. 7 u para. 8 tar-rik. gur.
[35] Ref.: *inter alia*, para. 9 tar-rik. gur.
[36] Ref.: kopja tal-emajl a fol 471. Korrispondenza ulterjuri bl-emajl a fol 472u 473.
[37] Ref.: kopja tal-ittra a fol 38. Ezebita ghal darb'ohra a fol 251.

rikonoxximent tal-għaqda attriċi bħala organizzazzjoni tal-produtturi fid-dawl ta' nuqqasijiet attribwibbli lilha;[38]

iv. Programm operattiv tal-għaqda attriċi għas-sena eżekuttiva 2012, sottomess f'Settembru, 2012, li jelenka l-uffiċjali tal-għaqda attriċi bħala F. Xerri – President, J. Ciantar – Segretarju, M. Sultana – Teżorier, u B. Attard – membru;[39]

v. Kopja tal-istatut tal-għaqda attriċi li fil-parti tiegħu relattiva għal-kunsill amministrattiv tal-istess għaqda hemm dikjarat li *"il-membri eletti fil-Kunsill Amministrattiv ghandhom jeleggu minn fosthom President, Segretarju u Tezorier. Ir-rapprezentanza legali tal-Ghaqda tal-Produtturi ghandha tkun vestita fil-President u s-Segretarju tal-Ghaqda tal-Produtturi. / Il-Kunsill Amministrattiv jista' fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jiddelega l-amministrazzjoni ordinarja u d-day to day management tal-Ghaqda tal-Produtturi lill-manager jew lil kull persuna ohra li l-istess Kunsill Amministrattiv ihoss li hija idonea sabiex taqdi tali funzjonijiet"*;[40]

vi. Dokument intitolat *Annex I: Application Form* li x-xhud Kriss Debono għan-nom tal-konvenuti spjega li jikkonsisti f'*annex* – anness – għall-applikazzjoni għar-rikonoxximent intavolata mad-Direttorat tal-Agrikoltura mill-għaqda attriċi. Fl-istess, jirriżulta isem Joseph Grech bħala l-kuntatt – *contact person* – tal-għaqda attriċi. Jirriżulta wkoll l-indirizz fejn intbagħtet l-ittra in mertu, ossia dik tas-7 ta' Novembru, 2012, bħala l-indirizz ta' kuntatt ma' l-għaqda attriċi;[41]

vii. Ċertifikat ta' spedizzjoni u konsenja – detta *pink card* – provduta bħala parti mis-servizz tas-soċjeta' tal-posta *Malta Post* meta tintbagħat ittra reġistrata – li tipprova li ittra mogħtija numru referenzjali partikolari tkun twasslet għand id-destinatarju nominat tagħha;[42]

viii. Ittra datata l-14 ta' Jannar, 2013 mibgħuta mir-rappreżentant legali tal-għaqda attriċi f'isem l-istess għaqda lill Kenneth Cassar, segretarju tal-Bord tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi fi ħdan

[38] Ref.: korrispondenza a fol 192 u 193.
[39] Ref.: programm a fol 214 *et seq.* parti rilevanti ntitolata *"Organi Socjali tal-Ghaqda tal-Produtturi"* a fol 215.
[40] Ref.: Statut a fol 255 sa 278. Parti ccitata a fol 265 u 266.
[41] Ref.: Dokument *Annex I* a fol 309.
[42] Ref.: kopja ta' *pink card* bin-numru referenzjali RR518357919MT a fol 35.

id-Direttorat tal-Agrikoltura li tirreferi għall-ittra *"dated the 8th November, 2012"* – data diversa minn dik tal-ittra in mertu – iżda tkompli sabiex tindika li l-ittra għal liema kienet qiegħda tirrispondi ntbagħtet lilha sabiex tkun hi nfurmata *"that you were withdrwaing the recognition as a Producer Organisation"*;[43]

ix. Minuti ta' laqgħa miżmuma fid-Direttorat tal-Agrikoltura nhar is-7 ta' Mejju, 2013 bejn l-għaqda attriċi u l-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima fejn Dr. Joseph Grech deher għan-nom ta' *Gozitano k/a Gaulos*.[44]

Fid-dawl ta' dawn id-dokumenti hawn elenkati, jirriżulta mingħajr dubbju li Dr. Joseph Grech mhux biss kien raġonevolment rikonoxxut mill-konvenuti bħala persuna li tirrappreżenta u titkellem f'isem l-għaqda attriċi, iżda ġie wkoll indikat bħala tali persuna mill-għaqda attriċi fil-varji dokumenti sottomessi minnha stess mad-Direttorat tal-Agrikoltura.

Huwa minnu li x-xhud Frank Xerri, li huwa l-president tal-għaqda attriċi, fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni jinnega li Dr. Grech kien *manager* tal-għaqda attriċi, minkejja dak li jirriżulta mid-dokumenti elenkati *supra*. Minkejja dan, l-istess Frank Xerri jaqbel, ghalmenu, li Dr. Joseph Grech kien il-kuntatt tagħhom mad-Direttorat.

Dan iwassal għal-kwistjoni oħra li tidher tqajjem l-għaqda attriċi, ossia; jekk l-ittra in mertu, tas-7 ta' Novembru, 2012, setgħetx tiġi validament spedita indirizzata lil persuna oltre dik vestita bir-rappreżentanza legali tagħha.

Dan il-punt jidher jinsisti fuqu partikolarment Frank Xerri, il-president tal-għaqda attriċi. B'dan iżda li l-istatut tal-għaqda attriċi li minnu ttieħdu anke ċitazzjonijiet hawn aktar 'l fuq, ma' jidhirx jagħmel dan ir-rekwiżit. Anqas ma' rriżulta li tali huwa xi rekwiżit b'xi liġi. Fil-fatt, il-konvenuti jinsistu li huma jaraw biss li ittra bħal dik in mertu tas-7 ta' Novembru, 2012 tasal fl-indirizz opportun, mhux li tasal għand xi individwu partikolari. Xi ħaġa li f'dan il-każ grat stante li l-istess ittra in mertu ġiet spedita fl-indirizz li jirriżulta fuqha u jirriżulta wkoll bħala l-indirizz indikat mill-għaqda attriċi nfisha bħala dak tal-kuntatt tagħha u

[43] Ref.: kopja tal-ittra a fol 37 u 36.
[44] Ref.: kopja tal-minuti a fol 186 *et seq.*

dan, kemm fid-dokument ukoll iccitat *supra* intitolat *Annex I* kif ukoll konsistentement mill-provi u x-xhieda prodotti mill-għaqda attriċi stess.

Huwa minnu li fuq nett tal-ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 – il-parti li tindika l-indirizz ta' fejn l-ittra ġiet spedita – ġie mnizzel is-segwenti:

*Dr. Joseph Grech*
*General Manager*
*Gozitano Producer Organisation*
*Gozitano Complex*
*Mgarr Road*
*Xewkija, Gozo*

Dan kuntrarjament għal dak imnissel fid-dokument *Annex I* li ried is-segwenti:

*Joseph Grech*
*Head Office*
*Gozitano Complex*
*Mgarr Road*
*Xewkija, Gozo*

Minn hawn jirriżulta allura li fl-ittra in mertu ma' ġewx indikati l-kliem *"head office"*.

B'dan iżda li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li r-rimanenti dettalji li tniżżlu fl-indirizz tal-ispedizzjoni fl-ittra in mertu ma' setgħux iħallu dubbju li l-pustier kellu l-informazzjoni neċessarja sabiex iwassal l-ittra fejn kellha tasal.[45]

Bħala punt ta' parentesi, din il-Qorti tosserva wkoll li tul il-proċeduri l-għaqda attriċi dehret tittenta tgħid li l-ittra in mertu ma' kienitx validament tirreferi għalija. Il-Qorti tħoss li tali rimarka għandha mill-assurd u dan stante li jekk tassew fil-parti tal-indirizz kif hawn fuq iccitata l-ittra rriferit ghal-*Gozitano Producer Organisation*, it-test proprju tal-ittra li huwa dak rilevanti għaliex huwa fih li ġie konvenut il-ħsieb u d-deċiżjoni tad-Direttorat tal-Agrikoltura għall-irtirar tar-rikonoxximent tal-għaqda attriċi bħala organizzazzjoni tal-produtturi jitkellem b'mod car u nkonfutabbli fuq *"Gaulos (formerly k/a Gozitano) as a producer*

[45] Ref.: kopja tal-ittra in mertu a fol 5 vis-à-vis id-dokument *Annex I* a fol 309.

*Organization;* mod ta' referenza għall-għaqda attriċi li l-għaqda attriċi stess, f'diversi stadji tal-proċeduri kif ukoll fid-dokumenti tagħha hawn aktar 'il fuq elenkati konsistentement irriferiet għalija nfisha.

Jibqa' imbagħad il-kwistjoni dwar jekk l-ittra ġietx fil-fatt validament konsenjata, jew miġbura mill-għaqda attriċi.

Hawn, il-konvenuti jinsistu li l-*pink card* provduta mis-soċjeta' postali *Malta Post*, turi fil-fatt li l-ittra in mertu datata s-7 ta' Novembru, 2012 ġiet debitament konsenjata fl-uffiċini tal-għaqda attriċi. Dan minkejja l-insistenza tal-għaqda attriċi li tali ittra hija ratha biss u l-ewwel darba fi proċeduri bin-numru 4920/2016 meħuda mill-konvenut Segretarju Permanenti quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ.

Sabiex aktar issaħħu t-teżi tagħhom dwar il-konsenja pożittiva tal-ittra in mertu, il-konvenuti tellgħu jixhed lir-rappreżentant tal-*Jobs Plus* Marcell Tabone li xehed li l-persuna li l-inizjali tal-isem tagħha, kunjomha, u n-numru tal-karta tal-identita' tagħha jidhru fuq il-*pink card* bħala dik li rċeviet u aċċettat l-ittra in mertu kienet fil-fatt impjegata – f'diversi stadji nkluż ovvjament fiż-żmien tal-irċevuta tal-ittra in mertu – mal-Kooperattiva Agrikola Għawdxija.

Hawn, il-president tal-għaqda attriċi Frank Xerri deher jinsisti li l-fatt li tali persuna kienet impjegata mill-imsemmija Kooperattiva huwa rrilevanti ghaliex l-ghaqda attrici hija ndipendenti mill-Kooperattiva. Dan minkejja li jghid ukoll li l-Kooperattiva u l-għaqda attriċi jutilizzaw uffiċini fl-istess kumpless ta' bini u rriżulta wkoll li l-formuli tal-bidu tal-impjieg tat-tali persuna kienu talvolta ġew iffirmati minn Dr. Joseph Grech, diġa' msemmi hawn aktar 'il fuq.[46]

Din il-Qorti tosserva li lill-hemm minn dak li dwar dan il-punt damu jinsistu fuqu l-partijiet, il-*pink card* per se[47] ftit għandha importanza bħala prova li l-ittra in mertu tas-7 ta' Novembru, 2012 fil-fatt waslet validament għand l-għaqda attriċi, Dan stante li n-numru referenzjali li jidher fuq l-istess *pink card*, ossia RR518357919MT, ma' ġie bl-ebda mod marbut ma' l-ittra in mertu.

[46] Ref.: dokumenti mahruga minn *Jobs Plus* a fol 443 *et seq.*
[47] *Pink card* ezebita a fol 35.

Normalment, f'ċirkostanzi bħal dawn dak li jrid li sseħħ il-prova tal-konsenja permezz ta' *pink card* jintavola wkoll bħala prova l-irċevuta f'forma ta' kartuna rettangolari żgħira ta' lewn aħmar li turi li n-numru referenzjali talvolta assenjat mill-uffiċju tal-posta lill-ittra partikolari jkun l-istess bħal dak li jidher fuq il-*pink card*. F'dan il-każ, dan ma' seħħx – fuq ebda kopja tal-ittra in mertu li ddaħlet in atti.[48]

Ciononostante, jibqa' l-fatt ferm aktar ċar u mportanti li tali ittra tas-7 ta' Novembru, 2012 ċertament waslet fejn kellha tasal u dan stante li saret referenza għalija f'ittra responsiva għalija stess li ntbagħtet fl-14 ta' Jannar, 2013 da parti tal-konsulent legali tal-għaqda attriċi, għan-nom tal-istess għaqda attriċi, lill Kenneth Cassar, segretarju tal-Bord tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi liema Bord kien fil-fatt ta' ir-rakkomandazzjoni għall-irtirar tar-rikonoxximent tal-għaqda attriċi bħala organizzazzjoni tal-produtturi lid-Direttur tal-Agrikoltura Dr. Justin Zahra li ffirma l-ittra in mertu tas-7 ta' Novembru, 2012.[49]

Huwa minnu li, kif diġa' kkunsidrat hawn aktar 'il fuq, tali ittra tal-14 ta' Jannar, 2013 tirreferi għall-ittra *"dated the 8th November, 2012"* – data diversa minn dik tal-ittra in mertu. B'dan iżda li l-istess tkompli mbagħad sabiex tindika li l-ittra għal liema kienet qiegħda tirrispondi ntbagħtet lill-għaqda attriċi sabiex tkun hi nfurmata *"that you* – Bord tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi – *were withdrwaing the recognition as a Producer Organisation"*.[50]

B'dan ma jħalli allura ebda dubbju li mhux talli l-ittra in mertu datata s-7 ta' Novembru, 2012 wasslet validament għand l-għaqda attriċi iżda talli l-istess għamlet anke risposta għalija.

L-istess ittra tal-14 ta' Jannar, 2013 turi wkoll li ndubbjament, l-għaqda attriċi kienet taf bid-deċiżjoni dwar l-irtirar tar-rikonoxximent tagħha bħala organizzazzjoni tal-produtturi sa minn tal-inqas l-istess data tal-14 ta' Jannar, 2013, kuntrarjament għal dak li ddikjarat fit-tielet (3) premessa tar-rikors ġuramentat tagħha li bih tat bidu għal proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni.

[48] Ref.: kopji tal-ittra in mertu datata s-7 ta' Novembru, 2012 a fol 5 u 34.
[49] Ref.: ittra tal-14 ta' Jannar, 2013 a fol 37 u 36.
[50] Ref.: kopja tal-ittra a fol 37 u 36.

Finalment, il-Qorti tosserva u tapprezza l-osservazzjonijiet kollha li għamlet l-għaqda attriċi fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tagħha dwar il-validita' tan-notifika ta' att ġudizzjarju. B'dan iżda li tqies li f'dan il-każ, l-istess qajla jsibu applikazzjoni stante li l-ittra in mertu datata s-7 ta' Novembru, 2012 mhijiex att ġudizzjarju u ma' nġiebu ebda provi li tali kellha ssegwi xi rigorozitajiet partikolari, partikolarment dawk attribwiti ghall-validita' tan-notifika ta' att ġudizzjarju.

Fid-dawl ta' dan, mhuwiex neċessarju li jsiru kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar tali sottomissjonijiet tal-għaqda attriċi.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż; tiċħad it-talba attriċi.

Bl-ispejjeż a karigu tal-għaqda attriċi.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur